MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 253/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Gatt**
**Keith Pace**

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellanti Rayomnd Gatt (ID 120467(M) u Keith Pace (327480(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awissu, 2004 waqt li kienu il-Marsa, billhsieb li jaghmlu delitt, u cioe serq ta' ghodod minn vettura ta' l-ghamla Kia Ceres bin-numru tar-registrazzjoni BBH-014 urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi ll-Lm 100 izda li ma jeccedix Lm 1000, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment ta' Sultan Dabous mill-Marsa;

Talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara flimsemmija vettura, liema hsara tiskorri l-Lm 50 izda anqas minn Lm 500, u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Sultan Dabous mill-Marsa;

Akkuzati wkoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux iktar jigu mhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 261, 263, 270, 279, 325, 49 u 50 ilkoll tal-Kap.9 u sabithom hatja ta' l-istess u kkundannathom piena karcerarja ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant **Raymond Gatt** minnu pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata fejn huwa nstab hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u minflok jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-appellant **Keith Pace** minnu pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata fejn huwa nstab hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u minflok jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant **Raymond Gatt** huma s-segwenti u cioe':-

L-ewwel Onorabbli Qorti jidher illi sabet htija fl-appellant principarjament a bazi ta' l-istqarrija rilaxxata minnu, fejn huwa ammetta l-involviment tieghu.

Illi f' dan l-istadju issir referenza ghal-diversi kazijiet decizi mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem. In succinct, il-Qorti dejjem sahqet illi d-drittijiet sanciti permezz ta' l-Artikolu 6 (3) (c) jinkludi d-dritt ta'assistenza legali, sa mill-

bidu ta’ l-investigazzjoni tal-pulizija, u anke waqt illi l-persuna tirilaxxa l-istqarrija taghha.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet Salduz vs Turkija, applikazzjoni numru 36391/02, il-Grand Chamber tal-Qorti, ghamlet referenza ghar-rapport ta’CPT European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment, fejn d’dan l-istess rapport, sahqu illi *all persons deprived of their liberty by the law enforcement agencies, including persons suspected of offences falling under the jurisdiction of Stat Security Courts, be granted as from the outset of their custody the right of access to a lawyer. The CPT recognizes that in order to protect the legitimate interests of the police investigation, it may exceptionally be necessary to delay for a certain period a detained person’s access to a lawyer of his choice; however, in such cases, access to another independent lawyer should be arranged.* Il-Qorti stess sahqet illi *“Article 6 (3) (c), is not only restricted to assistance by a lawyer during trial in front of a Court of Law, but such* ***right extends to legal assistance during the initial stage of police investigation…”***

Ssir referenza wkoll ghal-kawzijiet ohra decizi mill-Qorti Ewropeja u cioe, Plonka vs Polonja, Salduz vs Turkey u Panaviotis vs Grecja.

Il-Qrati taghna wkoll qed isegwu dan il-principju, u f’kawza fl-ismijiet *il-Pulizija vs Esron Pullicino* (Kawza Numru 63/2009. Deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali per Imhallef J. Azzopardi fl-24 ta’ Frar, 2010) u il-*Pulizija vs Alvin Privitera* (Kawza Numru 20/2009. Deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali per Imhallef R. Pace fit-28 ta’ Ottubru, 2010), il-Qorti sahqet illi n-nuqqas ta’assistenza legali matul il-perjodu ta’l-arrest u l-investigazzjoni, inkluz il-perjodu matul liema persuna investigatta jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, iledu d-drittijiet fundamentali tieghu ghal-smiegh xieraq. Dawn il-kawzi gew illum konfermati fl-appell u ghalhekk huma *res judicata.*

Dan bil-konsegwenza illi l-Qorti ma kelliex tistrieh fuq din il-prova sabiex fuqha tibbaza s-sejbien ta'htija.

Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizja vs Esron Pullicino li diga saret referenza ghaliha aktar qabel, il-Qorti sahqet illi:

Il-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt wahdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx ghal-ksur tad-drittijiet fundamentali teighu u biex ikun hemm ksur ta' l-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigi kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. **Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun l-istqarrija tieghu allure l-Qorti trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod attenta ghax sejba ta' htija jistghu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bhala 'unsafe'.**

Ghalhekk, mhux safe li Qorti ssib htija biss fuq stqarrija rilaxxata minn persuna, meta l-persuna tkun rilaxxat din l-istqarrija minghajr ma tinghat l-fakulta illi tikkonsulta ma'avukat qabel taghmel dan, u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet fundamentali teighu, u cioe`d-dritt ta'smiegh xieraq matul il-proceduri.

Inoltre, jinghad illi sa mill-bidu nett tal-proceduri, l-appellant, ikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija rilaxxata minnu, u dan jirrizulta car mis-sottomissjonijiet li ghamlet id-difiza tieghu tul il-proceduri kollha. Di piu, bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, f'depozizzjoni illi huwa ta'nhar it-tlieta (3) ta' Gunju, tas-sena elfejn u disgha (2009) a fol 126 tal-process, huwa kkontesta l-istqarrija li kien irilaxxa meta arrestat, u dan peress illi huwa mmetta l-involviment tieghu semplicement peress illi l-Ispettur Portelli kien tah x'jifhem illi jekk jammetti l-involviement teighu fl-attentat tas-serq, huwa ma kienx se jikkonfiskalu l-vettura tieghu tat-tip Skoda Rapid, illi fiha nstabu hu flimkien ma Keith Pace.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak suespost, l-istqarrija rilaxxata minnu ghandha tigi sfilzata.

Il-Qorti jidher illi bbazat wkoll is-sejbien ta’htija fl-appellant a bazi tal-fatt illi l-appellant u Pace kienu fil-vicin parkeggati fil-vettura, fil-vicinanzi ta’ fejn kien instab il-vann sgassat.

Illi bir-rispett kollu l-fatt wahdu illi l-appellant u Pace kienu, parkeggati fl-akkwati ta’fejn kien hemm il-vann sgassat, ma tikkostitwix l-ebda prova kontra taghhom, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghet qatt ragonevolment tkun konvinta mill-htija tieghu, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, fuq dan il-fatt wahdu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant **Keith Pace** huma s-segwenti u cioe':-

L-ewwel Onorabbli Qorti jidher illi sabet htija fl-appellant principarjament a bazi ta’ l-istqarrija rilaxxata minnu, fejn huwa ammetta l-involviment tieghu.

Illi f’ dan l-istadju issir referenza ghal-diversi kazijiet decizi mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem. In succinct, il-Qorti dejjem sahqet illi d-drittijiet sanciti permezz ta’ l-Artikolu 6 (3) (c) jinkludi d-dritt ta’assistenza legali, sa mill-bidu ta’ l-investigazzjoni tal-pulizija, u anke waqt illi l-persuna tirilaxxa l-istqarrija taghha.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet Salduz vs Turkija, applikazzjoni numru 36391/02, il-Grand Chamber tal-Qorti, ghamlet referenza ghar-rapport ta’CPT European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment, fejn d’dan l-istess rapport, sahqu illi <u>*all persons deprived of their liberty by the law enforcement agencies, including persons suspected of offences falling under the jurisdiction of Stat Security Courts, be granted as from the outset of their custody the right of access to a lawyer.*</u> *The CPT recognizes that in order to protect the legitimate interests of the police investigation, it may exceptionally be necessary to delay for a certain period a detained person’s access to a lawyer of his choice; however, in such cases, access to another independent lawyer should be arranged.* Il-Qorti stess sahqet illi *“Article*

*6 (3) (c), is not only restricted to assistance by a lawyer during trial in front of a Court of Law, but such* ***right extends to legal assistance during the initial stage of police investigation…"***

Ssir referenza wkoll ghal-kawzijiet ohra decizi mill-Qorti Ewropeja u cioe, Plonka vs Polonja, Salduz vs Turkey u Panaviotis vs Grecja.

Il-Qrati taghna wkoll qed isegwu dan il-principju, u f'kawza fl-ismijiet *il-Pulizija vs Esron Pullicino* u il-*Pulizija vs Alvin Privitera*, il-Qorti sahqet illi n-nuqqas ta'assistenza legali matul il-perjodu ta'l-arrest u l-investigazzjoni, inkluz il-perjodu matul liema persuna investigatta jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, iledu d-drittijiet fundamentali tieghu ghal-smiegh xieraq. Dan bil-konsegwenza illi l-Qorti ma kelliex tistreih fuq din il-prova sabiex fuqha tibbaza sejbien ta' htija.

Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizja vs Esron Pullicino li diga saret referenza ghaliha aktar qabel, il-Qorti sahqet illi:

Il-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt wahdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx ghal-ksur tad-drittijiet fundamentali teighu u biex ikun hemm ksur ta' l-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja jrid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigi kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. **Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun l-istqarrija tieghu allure l-Qorti trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod attenta ghax sejba ta' htija jistghu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bhala 'unsafe'.**

Ghalhekk, mhux safe li Qorti ssib htija biss fuq stqarrija rilaxxata minn persuna, meta l-persuna tkun rilaxxat din l-istqarrija minghajr ma tinghat l-fakulta illi tikkonsulta ma'avukat qabel taghmel dan, u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet fundamentali teighu, u cioe`d-dritt ta'smiegh xieraq matul il-proceduri.

Inoltre, jinghad illi sa mill-bidu nett tal-proceduri, l-appellant, ikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija rilaxxata

minnu, u dan jirrizulta car mis-sottomissjonijiet li ghamlet id-difiza tieghu tul il-proceduri kollha. Di piu, bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, f'depozizzjoni illi huwa ta, huwa kkontesta l-istqarrija li kien irilaxxa meta kien arrestat.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak suespost, l-istqarrija rilaxxata minnu ghandha tigi sfilzata.

Il-Qorti jidher illi bbazat wkoll is-sejbien ta'htija fl-appellant a bazi tal-fatt illi l-appelant u Gatt kienu fil-vicin parkeggati fil-vettura, fil-vicinanzi ta' fejn kien instab il-vann sgassat.

Illi bir-rispett kollu l-fatt wahdu illi l-appellant u Gatt, kienu parkeggati fl-akwati ta'fejn kien hemm il-vann sgassat, ma tikkostitwix l-ebda prova kontra taghhom, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghet qatt ragonevolment tkun konvinta mill-htija tieghu, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, fuq dan il-fatt wahdu. Tenut kont tal-fatt ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjara li mhux qed temmen lill-esponenti ghax ma tax spjegazzjoni dwar il-ghala huwa kien qieghed Albert Town. Bir-rispett jigi mfakkar kif l-esponenti joqghod fi Triq Zerafa l-Marsa u cioe` ftit biss il-boghod minn fejn allegatament kie ipparkeggjat dan il-van.

Ghandu jinghad ukoll li lanqas ma hija safe and satisfactory is-sentenza tal-Ewwel Qorti meta wiehed iqis li l-allegat derubat cioe` Sultan Dabous quddiem dik l-istess Qorti nqabad jhawwad b'tali mod u manjiera li kien mistenni li l-Qorti tal-Magistrati tordna li jittiehdu proceduri kontra tieghu a tenur tal-artikolu dwar l-ispergur fi proceduri kriminali.

Ikkunsidrat

Li dawn iż-żewġ appelli huma identiċi u l-punti ewlenin tagħhom jinġabur kif ġej: li l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u li ebda appellant m'għandu jisntab ħati abbażi tal-istqarrija magħmula minnu ġaladarba din saret meta ma kienx assistit minn avukat.

Dwar l-ewwel punt il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) dejjem imxiet mal-prinċipju li ma tiddisturbax sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti skaemm din hija waħda li setgħet raġjonevolment u legalment setgħet tasal għaliha.

Il-Qorti għalhekk irrevediet il-proċess tliet darbiet biex teżamina x-xhieda u d-dokumenti li kienu prodotti.

L-Ispettur Anthony Portelli xehed li nhar it-3 t'Awwissu 2004, għall-ħabta tal-kwarta ta' fil-għodu, il-control room tal-pulizija kienu ġew infurmati minn persuna anonima li fi Triq Albert il-Marsa kien hemm xi persuni li kienu qed jippruvaw jisgassaw xi garaxxijiet liema persuni kienu qed jagħmlu użu minn vettura Skoda. PS 1453 Brian Scicluna u PC 807 Vella marru fuq il-post. Persuna li riedet tibqa' anonima għarrfithom li żewġ persuni kienu qed jużaw Skoda Rapid IAS 692 biex jippruvaw jisgassaw vann ftit 'il bogħod.

Il-pulizija spezzjonaw il-bibien ta' wara tal-vann DBH 014 u fihom sabu marki ta' sgass. L-appellanti kienu interċettati fi Triq ix-Xwieni il-Marsa li hija kantuniera ma triq Albert. Huma kienu qegħdin ipparkjati fi Skoda Rapid bin-numru tar-reġistrazzjoni IAS li tgħajjat lil Ray Gatt. Mill-karozza kienu elevati one EGA screw driver (turnavit), ingwanti tal-isports (fox racing), mazz ċwievet, master craft vice grip, one metal socket holder with one socket, baseball cap sewda u ħadida kbira tal-konkos.

Il-vann DBH 014 jgħajjat lil Dopas Soltan. Fil-vann kien hemm jigger.

Kienu esibiti wkoll ritratti tal-vann DBH 014 b'ritratti minnhom juru fejn kien qed isir l-isgass. (Ara xhieda ta' PS 1336 Jesmond Micallef a fol 37).

Fil-kontro-eżami l-Ispettur Portelli ċaħad li waqt l-interrogatorju ta' Raymond Gatt huwa kien ipprova jbeżża' lill-imputat li ser tittieħed il-karozza. Raymond Gatt ma ġie mwiegħed xejn. L-Ispettur irsista li hu kien qed iwieġeb bil-

ġurament u li kien Raymond Gatt li staqsa dwar il-vettura. Huwa qallu normalment il-vetturi meta jinqabdu in konnessjoni ma reat jinżammu ħa jaraw x'jiġri minnhom.

Huma keinu lemħu karozza tal-pulizija iżda wieħed mill-appellanti qal lill-ieħor li l-pulizija kienu marru jarawx hemm xi prostituti. Effettivament huma baqgħu f'dik iz-zona.

L-appellanti għamlu stqarrija kull wieħed li jidhru a fol 28 u fol 31 rispettivament.

Xehed PC 807 Felix Vella (fol 33) li qal li huma kienu għalqu t-tliet toroq li jagħtu għal Albert Town. Fi Triq Xwieni sab il-van BBH 014 sgassat. Sakemm kien sejjer fejn kienu l-appellanti ċemplulu tla-mobile squad u qalulu li kienu sabu lill-appellanti kantuniera 'l bogħod.

PS 162 Joseph Howard ikkonferma li ma kinux saru wegħdiet fil-ħin li kien preżednti hu waqt l-istqarrija. A fol 41 huwa qal li kemm hu u kemm l-ispettur li jekk l-appellant kellu xi karozza, din ma kienet ser tagħmel ebda differenza għax jekk il-karozza intużat waqt serqa din xorta tista' tittieħed mill-Pulizija. Huwa reġa' ċaħad li saru xi wegħdi jekk Raymond Gatt jikkopera a fol 42 u fol 43. Raymond Gatt deher qed jibża' li ser jitlef il-vettura iżda qalulu li jikkopera jew ma jikkoperax il-vettura tintilef xorta waħda. (fol 43).
Rea' xehed in kontro-eżami fit-13 t'April 2010 fejn ikkonferma li kien preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija. Huwa ma ftakarx li kien sar xi diskors fuq xi vann (fol 149).

PS 710 Joseph Mangion ippreżenta current incident report li fih hemm rapport minn Dabous Sultan li għall-ħabta tas-07.15 am tat-3 t'Awwissu 2004 huwa kien sab il-vann tiegħu li kien fi Triq ix-Xwieni l-Marsa maħgluq iżda li xi persuni kienu ppruvaw jisgassaw it-tieqa ta' wara. Huma kienu kissra t-tieqa ta' wara. (fol 52 et).
Xehed PS 576 John Mary Cefai li qal li kien sab vettura Skoda bi tnejn min-nies ġo fiha. (fol 55- 57).
Diversi spetturi esibew sentenzi: (a) Il-Pulzija versus Keith Pace – 24 ta' Lulju 2000 – multa.; (b) Il-Pulizija

versus Keith Pace 28 ta’ Novembru 2000 – multa. (ċ) Il-Pulizija versus Raymond Gatt (multa);
Xehed ukoll Sultan Dabous (fol 79) (28 ta’ Diċembru 2006) li qal li kellu driller tax-xogħol, cahser u jigger fil-vann li qal li jiswew madwar Lm700. Kellu ħsara fil-bieb ta’ wara u fit-tieqa. Huwa qal li l-ħsarat swew Lm90.
Huwa xehed in kontro-eżami a fol 117 fit-28 ta’ Novembru 2008) fejn qal li lilu ma kien insteraqlu xejn. Huwa qal li zijuh kien xtara l-għodda.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-irċevuta ħarġet sew wara l-inċident għax damu ma sewwew il-vann. (fol 84). Huwa ql ukoll li l-għodda kien xtrahom mill-Hamrun iżda ma kienx jaf x’jismu l-ħanut.
Fl-4 ta’ Lulju 2007 xehed Anthony Gauci (fol 96) li qal li x-xogħol tiegħu huwa li jirranġa l-karozzi. Il-Qorti urietu riċevuta esibita a fol 87 u urietu r-ritratti tal-vann li kellu l-ħsarat. Huwa qal li kien irranġa xi ħaġa mill-vann. Iżda hawn l-Avukat Difensur staqsieh hux veru li kien sewwa l-vann għaliex mhux soltu li r-riċevuti joħorġu bil-lapes. Sid il-vann ma kienx klijent regolari tiegħu. Imbagħad qal li kellu dubju sewwiex il-vann jew le. (fol 101).
Reġa’ xehed fl-14 ta’ Diċembru 2007 fejn qal li ma kienx sab l-oriġinal. Huwa qal li l-Għarbi kien amr għandu b’żewġ karozzi u d-Lm90 kienet fuq il-Mercedes. Huwa baqa’ jinsisti li l-vann żgur kien ittieħed il-garaxx. L-ispejjeż fuq il-vann kienu madwar minn Lm50 iżda hu kien ser jagħmel xogħol ieħor fuq il-vann. Fl-aħħar huwa wieġeb lill-Avukat li dik ir-riċevuta kienet tal-Mercedes.
L-appellant Raymond Gatt xehed fit-3 ta’ Ġunju 2009 (fol 126) . Huwa qal li l-akkuża kienet waħda falza għaliex il-vann lanqas intmiss. Huwa kien fl-akkwati iżda għodda ma miss xejn. Huwa qal hekk:
‘Kull ma kont xi qisu nofs mil bogħod mill-post li akkużawni fuqu, qisu nofs mil u waqqfuni s-CID’ (fol 127).
U hawn qal x’sabulu l-Pulzija fil-karozza.
Hawn l-Avukat Difensur qralu l-istqarrija li qegħda a fol 28 tal-proċess u l-aħħar parti tispiċċa hekk:

‘M. Trid iżżid xi ħaġa oħra?
T: Le. M’hemmx xi ngħid ħlief li jiddispjaċini li ġara. Dak il-ħin għamejt . Ngħid ukoll li aħna ma ħadna xejn.

U hawn l-Avukat qallu li dik l-istqarrija l-appellant ma kienx iffirmha. Imbagħad staqsieh:
'M'għandi xi ngħid xejn hux.' (fol 129)
Huwa qal li meta l-Pulizija arrestawhom, il-karozza kienet tiegħu. Huwa qal li lilu qalulu li jekk ma kienx ser jikkopera 'ser inkompli nfittixlek fil-karozza u nżommheilek il-karozza.' (fol 130). Huwa qal li kien għamel l-istatement beix jieħu l-karozza għax dik saqajh. Il-karozza kien telaq biha.
Fil-kontro-eżami (a fol 131) l-Prosekuzzjoni staqsietu:
'Ara int għidt li kont xi nofs mil mill-vettura li qed tallega l-Pulizija. Int kif taf fejn kien qiegħed il-vann? Jiena qatt ma ħadtek fuq il-post ħalli tara fejn kien il-vann. Kif taf li kien nofs mil 'il bogħod dan il-vann li qed issemmi li kien allegatament insteraq.

Tweġiba: Aħna mhux Albert Town konna u int mhux f'Albert Town arrestajtni?
Pros: Imma inti fejn taf? Forsi kien kantuniera bogħod? Fejn taf?
Tweġiba: Mhux hemm ried ikun bil-fors.'

Ix-xhud baqa' jinsisti li l-Prosekutur baqa' jinkieh bil-karozza u issikah biha biex hua jagħtih tarf ta' xi ħaġa.

Fil-15 t'Ottubru 2010 xehed Keith Pace fejn qal li kien mar għalih Raymond Gatt fid-dar tiegħu ġewwa l-Marsa. Huwa kien talab lil Raymond Gatt iwasslu fejn il-Millenia. Huma u sejrin hemmhekk kienu pparkjaw u kien hemm vann. Għaddew minn ħdejn veru dan il-vann iżda la kienu missewh u lanqas għamlulu xejn dan il-vann. U reġgħu rikbu fil-karozza ta' Raymond Gatt u telqu lejn il-Main Road fejn waqqfuhom il-Pulizija.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ħadd ma heddu waqt l-istqarrija. Huwa żied jgħid lil-Ispettur Portelli kien qallu beix ma jagħmel xejn bi kbir iżda li jekk ma kienx ser jammetti kien ħa jressqu fuq il-vann kollu.
PC Chris Bonnici tela' jixhed bħala character reference ta' Keith Pace. (fol 1590.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett il-konsiderazzjonijiet li ser isiru ser ikunu jgħoddu għaż-żewġ appelli sakemm il-kuntest ma jurix li l-konsiderazzjoni tirreferi għal wieħed biss mill-appelli.

Fil-bidu nett qed jingħad li l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li ‘dawn il-provi jistrieħu ħafna, **iżda mhux b’mod esklussiv**, fuq l-istqarrijiet tal-ko-imputati. Xhieda oħra huma l-pulizija li filfatt sabu lill-imputati fil-viċinanzi tal-kaorzza li kienet ser issofri serq – għalhekk f’an ir-rigward rat ix-xheida ta’ PC 807 Felix Vella, PS 1336 Jesmond Micallef), PS 710 Joseph Mangion.’
Minn din il-parti tas-sentenza jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma qagħditx fuq l-istqarrijet biss kif qed ikun allegat fiż-żewġ rikorsi tal-appellanti.
Barra dan jinħtieġ jingħad ukoll li skont l-artikolu 681 tal-Kap 9 stqarrija ma tistax tkun xhieda ħlief kontra l-persuna li tagħmilha u ma tistax toħloq preġudizzju għal ħadd ieħor. Dan ifisser li dak li kull appellant qal fl-istqarrija tiegħu li bih involva lill-appellant l-ieħor ma jgħoddx.
L-istess prinċipju jgħodd għad-depożizzjoni bil-ġurament waqt is-smigħ tal-kawża. Hekk qalet il-Qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha ‘Il-Pulizija versus Naser Eshtewi Be Hag Et (Volum LXXX. IV. 171):

‘Dak li jgħid ko-imputat, fi stqarrija jew depożizzjonijiet ma jistax jippreġudika ko-imputat ieħor. Dak li jistqarru u jixhdu fil-konfront ta’ xulxin għandu jiġi mwarrab u ma jistax iservi biex jinstab konflitt bejn il-verżjonijiet ta’ xulxin.’
Effettivament, fl-istqarrijiet tagħhom, l-appellanti jagħtu verżjoni differenti ta’ min kien li instiga li jersqu lejn il-vann BBH-014 , kull wieħed jitfa’ l-kolpa fuq l-ieħor.
It-tielet konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti hija li l-appellant Raymond Gatt baqa’ jinsisti li l-istqarrija magħmula minnu kienet saret taħt pressjoni fuq l-għoti lura tal-karozza tiegħu. Din il-Qorti rat iċ-ċaħdiet kategoriċi li saru xi promessi minn dawk li kienu preżenti waqt l-istqarrija **u ikkonkludiet li l-istqarrija saret bla ebda theddid jew wegħdi.**
Bħalma juri is-sommarju tax-xhieda li jidher aktar ‘il fuq, din il-Qorti qed tqis kollox u, b’mod speċjali, **kif xehdu l-appellanti.** . F’dawn il-proċeduri waħda mill-mistoqsijiet l-

aktar importanti kienet dik magħmula mill-Prosekuzzjoni in kontro-eżami meta xehed Raymond Gatt. Hawn il-Prosekuzzjoni staqsiet lil Raymond Gatt kif seta' jkun jaf fejn kien il-vann jew li kien 'nofs mil 'il bogħod.'. Ir-risposta ta' Raymond Gatt m'hija xejn konvinċenti. Mingħajr ma ried l-appellant Raymond Gatt wera li kien jaf sew liema kien il-vann in kwistjoni. Lanqas ma hija konvinċenti r-risposta l-oħra 'Mhux hemm ried ikun bilfors' mogħtija fuq l-istess paġina. F'mument qed jgħid li huwa kien għamel l-istqarrija minħabba wegħda dwar karozza u xejn aktar u f'mument ieħor juri biċ-ċar li kien jaf dwar liema vann sarulu l-mistoqsijiet. U Raymond Gatt jiftakar il-vann – minn tant karozzi oħra li kien hemm il-Marsa – għaliex il-bniedem jiftakar l-avvenimenti trawmatiċi jew ewlenin snin wara. Hekk ġara f'dan il-każ meta kien qed jixhed kważi ħames snin wara l-lejt in kwistjoni.
Din il-parti biss diġa' tpoġġi lil Raymond Gatt fuq il-post tar-reat.
Iżda hemm aktar minn hekk. Id-difiża għamlet sottomissjonijiet li l-istqarrija ittieħdet mingħajr għajnuna ta' avukat. Fil-każ ta' Raymond Gatt, l-istqarrija **inqrat k**ollha mill-ġdid **mill-avukat tiegħu** fit-3 ta' Ġunju, 2009 fl-Awla. Hawn mela l-appellant **kellu l-avukat ta' fiduċja tiegħu.** Meta kien mistoqsi mill-avuket tiegħu stess 'X'għandu xi jgħid fuq din l-istqarrija' huwa wieġeb xott, xott:
'M'għandi xi ngħid xejn.'
Fil-bidu tad-depożizzjoni tiegħu a fol 126 l-appellant kien qal li l-akkuża hija falza. A fol 129, wara mistoqsija mill-avukat tiegħu stess, wara l-qari tal-istqarrija, ma ħass li għandu jgħid xejn dwar l-istqarrija li kien għamel. Issa l-appellant kien fil-Qorti u mhux fil-headquarters tal-Pulizija. Isegwi li kien liberu għal kollox li jattakka l-istqarrija. Din id-darba kellu l-Avukat miegħu u ma setax jgħid li mhux assistit minn avukat. F'dan il-punt tad-depożizzjoni, il-Qorti nnutat nuqqas ta' spjegazzjoni, reazzjoni jew kummenti raġonevoli min-naħa ta' Raymond Gatt meta nqratlu l-istqarrija kollha u din saret parti integrali parti minn xhieda f'Qorti u ma baqgħetx biss id-dokument esibit mill-Pulizija (a fol 28). Kif jista' jkun li l-appellant jgħid erba' kelmiet biss wara li nqratlu stqarrija li tant kien ilu jinsisti li saret b'xi wegħda? Il-kważi silenzju tal-appellant

f’dan il-mument jindika li dak li nqara waqt id-depożizzjoni tiegħu kellu mis-sewwa sa fejn kellu x’jaqsam hu. Li kieku l-appellant kien jikkumbatti l-kontenut jew imqar xi punti minnu u mhux xejn.

Meta imbagħad xehed Keith Pace, dan ukoll wera li kien jaf għal-liema vann kienet qed tirreferi l-Prosekuzzjoni. Anzi ddeskrivih bħala wieħed kollu sadid li għaddew minn ħdejh iżda li huma ma missewhx. Imbagħad żied jgħid:

‘U erġajna rkibna fil-karozza ta’ Raymond Gatt.’

La ‘reġgħu rikbu’, bilfors li l-appellant Keith Pace kien niżel ħdejn il-vann u imbagħad reġa’ tela’ fil-karozza.

Il-Qorti mhix temmen il-verżjoni li ta fl-Awla Keith Pace li ra vann kollu sadid iżda m’għamillu xejn ukoll jekk aktar tard fid-depożizzjoni tiegħu huwa xehed ‘F’dan il-każ m’għandix x’naqsam.’ Kif jista’ jkun li sitt snin wara (15 t’Ottubru 2010) tar-reat, tibqa’ tiftakar vann mitluq jekk mhux il-vann huwa marbut ma’ xi inċident ta’ ċerta serjeta’? Huwa dawn it-tip ta’ inċidenti li jiftakar il-bniedem u mhux l-inċidenti tar-rutina ta’ kull jum. Il-fatt biss li ftakar dan il-vann in partikolari tant snin wara jindika biċ-ċar li mhux veru li l-appellant għadda minn ħdejn il-vann u m’għamillu xejn. X’tinżel tagħmel ħdejn vann mimli sadid, ma tagħmillu xejn u terġa’ tirkeb?

Dak li xehed Keith Pace fil-15 t’Ottubru, 2010 a fol 153 et ipoġġih dirett fuq il-post tad-delitt mingħajr ebda bżonn tal-istqarrija li l-Prosekuzzjoni esibiet a fol 31.

Dawn il-konsiderazzjonijiet waħdihom dwar id-depożizzjonijiet magħmula minn Raymond Gatt u Keith Pace huma biżżejjed bħal provi tal-ħtija kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni.

Din il-Qorti ma waqfitx fuq id-depożizzjonijiet li taw dawn ix-xhieda **fil-qorti** iżda, bħalma għamlet l-ewwel Qorti qieset elementi oħra. Fosthom dawn li ġejjin:

(a) L-appellanti nstabu pparkjati kantuniera biss il bogħod – Triq ix-Xwieni meta l-vann kien fi Triq Albert. (Ara depożizzjoni tal-Ispettur Portelli). Dwar li nstabu fil-viċinanzi rrimarkat ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti. U dawn l-affarijiet ma jiġrux b’kumbinazzjoni.

(b) L-affarijiet li nstabu fil-karozza: tornavit, baseball cap, ingwanti, ħadida tal-konkos. Dawn ukoll juru li l-kaorzza ta’ Raymond Gatt kellha fiha oġġetti li faċilment setgħu intużaw għat-tentattiv.

(ċ) Ir-ritratt tal-vann BBH -014 esibiti fil-proċess.
(d) Ir-rapport tal-ħsarat li sar minn Dabous Sultan bid-data u l-ħin bejn wieħed u ieħor meta saret il-ħsara li jinkludu l-lejl imsemmi fiċ-ċitazzjoni.
(e) Fl-aħħarnett – Dawk li għamlu rapporti lill-pulizija baqgħu anonimi u għalhekk ix-xhieda tagħhom għandha **titqies bħala hearsay**. Hija biss prova li ntqal dak il-kliem. Min-naħa l-oħra, **il-hearsay tista' tikkorobora xhieda oħra** li jkun hemm fil-proċess. Jekk l-appellanti nstabu ipparkjati, min ta l-informazzjoni qal 'għadhom kif ipparkjaw issa'. Ukoll jekk ir-rapport kien dwar Skoda ta' kulur skur IAS 692 ddur fl-inħawi, il-karozza involuta kienet Skoda u bl-istess numru.
Fuq din l-evidenza kumulattiva – u mhux fuq l-istqarrijiet - il-Qorti hija moralment konvinta 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-appellanti għamlu dan it-tentattiv ta' serq. L-appellanti waqfu minn dak li kienu qed jagħmlu għaliex sabu l-pulizija ma' wiċċhom. (Ara: Sir Anthony Mamo Notes on Criminal Law Part 1 – paġina 120).
Iżda fix-xhieda hemm elementi li lil din il-Qorti ma kkonvinċewhiex. Sid il-vann f'mument jgħid x'kellu bħala għodda fil-vann u jgħid ukoll li kien hemm b'kemm jiswew Lm700 għodda fil-vann. Imbagħad meta kien mitlub iġib ir-riċevuta, din ma waslet qatt. Anzi f'mument minnhom qal li kien zijuh li xtara l-għodda. Għalhekk il-Qorti taf li kien hemm tliet oġġetti fil-vann imma m'għandhiex il-prova quddiemha ta' kemm kienu jiswew dawn l-oġġetti. Isegwi li m'hemmx prova tal-aggravju tal-ammont indikat fl-ewwel imputazzjoni.
L-aggravji l-oħrajn jiġifieri l-mezz, il-ħin u x-xorta tal-ħaġa misruqa jirriżultaw.
Dwar il-ħsarat li sofra l-vann, il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha ordnat li jittieħdu passi kontra Anthony Gauci. F'mument minnhom dan qal li l-irċevuta tal-VAT li kienet ippreżentata waqt is-smigħ tal-kawża kellha tkun għall-ħsara li kien hemm fuq Mercedes. Huwa kien mistoqsi ripetutament jekk hux tassew li hu kien ħadem fuq il-vann u l-Qorti wrietu r-ritratti. A fol 107 l-ewwel qal li l-ħsarat kienu dejjem aktar minn Lm50 u aktar 'l isfel qal 'Insomma hemm aħna qisu xi Lm50 kellu. Għax hu jerġa' oħra, jiena kont ħa naqtagħlu kont minnha 'l fuq. Jiġifieri

hu kien vann magħluq u kont ser nikxfu jiena, inneħħilu l-parti ta' fuq.'
Fil-fehma tal-Qorti l-aktar fiqura realistika, fid-dawl ta' dak li juru r-ritratti, hija dik ta' Lm50.
Inoltre, għandu jingħad li t-tieni imputazzjoni għandha titqies bħala mezz għall-fini ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.
Dwar ir-reċidiva, din kienet ippruvata fil-konfront ta' Keith Pace kemm għal dak li jirrigwarda l-artikolu 49 kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-artikolu 50 tal-Kap 9 għax ma kinux għaddew ħames snin minn meta ngħataw il-multi indikati fis-sentenzi. . Fil-konfront ta' Raymond Gatt il-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza tal-1996 li kienet ta' multa. Dwar din is-sentenza ma ttellgħet ebda xhieda tal-identita'. Għalhekk hemm nieqsa l-prova tar-reċidiva ai fini tal-artikolu 49 kif ukoll kienu għaddew aktar minn ħames snin minn meta ngħatat il-multa ai fini tal-artikolu 50. Għalhekk fil-każ ta' Raymond Gatt m'hemmx il-prova tar-reċidiva.
L-appellanti talbu l-isfliz tal-istqarrijiet fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll wara diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali in konnessjoni mal-assistenza tal-avukat meta dan ikun fil-kwartieri tal-pulizija. . Bir-rispett kollu jingħad li l-artikoli 658 – 661 tal-Kap 9 għadhom hemm sa llum u sakemm qed tinkiteb din is-sentenza ma ġewx emendati. Barra minn dan mill-proċess jirriżulta li l-appellanti ddeponew ( 3 ta' Ġunju 2009, 15 t'Ottubru 2010, u t-trattazzjoni(16 ta' Novembru 2010) saret ferm wara it-28 ta' Novembru 2008 (Salduz versus Turkey) u mkien ma jirriżulta li saret xi sottomissjoni bħal dik li hemm fl-aggravju ewlieni taż-żewġ imputati. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-talba għall-isfilz ta' dawn l-istqarrijiet.
Il-Qorti ma sabitx sostanzjata is-sottomissjoni tal-appellant Raymond Gatt li l-istqarrija tiegħu kienet saret b'xi wegħda. Għalhekk qed tiċħad ukoll it-talba għall-isfliz tal-istqarrija tiegħu għal din ir-raġuni wkoll barra r-raġuni l-oħra mogħtija aktar 'il fuq.
Id-difiża ssottomettiet li l-fatt li l-appellanti kienu fil-viċinanzi tal-vann sgassat mhux raġuni biżżejjed sabiex wieħed jinstab ħati. La din il-Qorti u lanqas il-Qorti tal-

Maġistrati ma waslu għall-konklużjonijiet tagħhom fuq dan il-fatt biss. Għalhekk l-aggravju qed ikun respint.
Fl-appell ta' Keith Pace jingħad ukoll li dan ikkontesta il-volontarjeta' tal-istqarrija. Waqt li kien hemm kontestazzjoni da parti ta' Raymond Gatt fuq xi wegħda li jieħu l-karozza, minn imkien ma jirriżulta mill-atti li Keith Pace ikkontesta l-istqarrija. Għalhekk dan l-aggravju huwa respint ukoll.

**Konklużjoni**
Il-Qorti qed tqis li t-tieni imputazzjoni għandha titqies bħala mezz għall-fini skont l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi billi tikkonfermha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lil Keith Pace u lil Raymond Gatt ħatja tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravji tal-mezz, tal-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u ħatja tat-tieni imputazzjoni, fejn sabet lil Keith Pace ħati tat-tielet tielet imputazzjoni u fejn ordnat il-konfiska tal-corpus delicti (IAS-692)u qed tirrifomha kif ġej: qed tħassar u tbiddel dik il-parti fejn sabet lil Keith Pace u lil Raymond Gatt ħatja tal-aggravju tal-valur fl-ewwel imputazzjoni u minflok qed tilliberhom it-tnejn mill-ħtija ta' dan l-aggravju; qed tħassar u tbiddel dik il-parti fejn sabet lil Raymond Gatt ħati tat-tielet imputazzjoni (ir-reċidiva) u minflok qed tilliberah minnha u qed tħassar ukoll dik il-parti fejn ikkundannat liż-żewġ appellanti għal sena priġunerija u minflok, wara li rat li l-aggravju tal-valur ma kienx ippruvat fil-konfront taż-żewġ appellanti, u wara li ma sabitx lil Raymond Gatt ħati tar-reċidiva, qed tikkundanna lil Keith Pace għal perjodu ta' priġunerija ta' tmien (8) xhur waqt li lil Raymond Gatt qed tikkundannah seba' (7) xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat lil Raymond Gatt li jekk huwa jwettaq xi reat matul iż-żmien meta l-piena ta' priġunerija hija sospiża, huwa jeħel ukoll il-piena għal dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------